MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Numru 49/2001

IL-PULIZIJA

SPETTUR JEFFREY CILIA

VS

JONATHAN ATTARD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Jonathan Attard ta' 20 sena, bin John u Marianne nee' Farrugia, imwieled Attard fit-8 ta' April 1979, residenti 'Venera',122, Triq Guze Pesci, Iklin u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 182679(m) fejn gie akkuzat talli:

F'xi hin fil-lejl ta' bejn il-21 u 22 ta' Dicembru, 1999 fl-Isla ikkommetta serq ta' mutur ta' ghamla NEN-FANG bin-numru tar-registrazzjoni IBB 907, liema serq huwa

kkwalifikat bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi l-elf lira (Lm1000) ghad-detriment ta' Vincent John Saliba;

Talli f'xi hin bejn l-14 ta' Frar, 2000 u l-15 ta' Frar, 2000 f'Malta kkommetta serq ta' pjanca tan-numri tar-registrazzjoni CAR 932 minn fuq vettura ta' ghamla 'Land Rover', liema serq huwa kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Etienne Bugeja;

Talli nhar il-5 ta' Marzu, 2000 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe' l-oggetti indikati fl-ewwel u t-tieni akkuza, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Talli f'xi hin ta' nhar il-5 ta' Marzu, 2000 u fix-xhur ta' qabel din id-data, volontarjament hassar, ghamel hsarat jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' l-mutur tal-ghamla NEN-FANG bin-numri tar-registrazzjoni IBB 907, liema hsara tiskorri il-hames mitt lira (Lm500), ghad-detriment ta' Vincent John Saliba;

Talli nhar il-5 ta' Marzu, 2000 ghall-habta ta' l-4:00p.m. u fix-xhur ta' qabel din id-data f'San Giljan u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer saq mutur ta' ghamla NEN-FANG bin-numri tar-registrazzjoni IBB 907, minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli l-Qorti tista' ssib il-htija ta' l-imputat. (a fol 125)

Rat il-verbal ta' l-imputat li ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ l-imputat.

Rat illi l-prosekuzzjoni baqghet inadempjenti.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-Pulizija ta’ l-ALE infurmaw lill-Control Room li kien hemm guvni f‘San Giljan li kien qed isuq mutur li rrizulta illi kien misruq. L-ufficjali tas-CID kienu accedew fuq il-post u arrestaw lill-imputat li kien qed isuq mutur ta’ l-ghamla NEN-FANG bin-numru tar-registrazzjoni CAR 932. Fuq dan il-mutur kien hemm ukoll zewg zghazagh li kienu lebsin crash helmet izda x-xufier ma kellux crash helmet. Fit-tfittxija, fuq wiehed mill-guvintur kienu sabu xi droga. Gew arrestati wkoll zewg zghazagh ohra.

Il-Qorti giet infurmata li kien l-imputat li kien qed isuq dan il-mutur. L-imputat irrilaxxa stqarrija li giet esebita bhala Dokument JC a fol 14 et sequitur. Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal illi dan il-mutur kien misluf lilu minghand habib tieghu, izda l-identita’ tieghu ma kienx maghruf u dan is-self kien gara xi tlett gimghat qabel l-incident. A fol 10 irrizulta illi mill-investigazzjoni tal-pulizija illi n-number plates li kienu fuq dan il-mutur kienu gew misruqa fil-15 ta’ Frar, 2000 cioe’ gimghatejn qabel dan l-incident a detriment ta’ Etienne Bugeja minn Marsaxlokk, waqt li l-mutur inniffsu kien misruq fit-22 ta’ Dicembru 1999, cioe’ xahrejn qabel dan l-incident a detriment ta’ Vincent Saliba mill-Isla. Fl-istqarrija tieghu l-imputat kien qal illi dan il-mutur kien gie misluf minn persuna li kellu l-laqam ta’ “Ic-Cikkulatu” izda l-prosekuzzjoni minkejja l-investigazzjoni taghhom ma sabu lil hadd b’dan il-laqam.

Gew esebiti Dok JC 2 sa 6, illi huma r-ritratti tal-mutur waqt li Tony Vassallo, s-surveyor esebixxa stima tal-hsarat bhala dokument JC 7 a fol 20. Gew esebiti wkoll ir-

rapporti tas-serqiet Dokument JC 8 a fol 21 u JC 9 a fol 26.

PS 374 Noel Fabri a fol 29 xehed illi fil-5 ta' Marzu, 2000, huwa kien ghaddej ronda f'Paceville ghal habta tat-3:30p.m. u ra lill-imputat isuq mutur minghajr ma kellu crash helmet. Waqqfu ***"u gieni suspett ghax rajt il-mutur startjat minghajr cavetta."*** (xhieda a fol 30). Saret tfittxija fuq il-persuna ta' l-imputat u fuq il-persuna li kienet riekba mieghu u fuq dan l-ahhar persuna gew misjuba zewg joints illi kienu taz-zewg suspettati.

Mill-investigazzjonijiet ulterjuri gie misjub illi l-pjanci tan-numru tar-registrazzjoni tal-mutur kienu fil-fatt isejjhu lill-pjanci tan-numru tar-registrazzjoni ta' Land Rover li kienet misruqa. L-imputat kien informa lill-pulizija illi dan il-mutur kien ta' siehbu li kien iltaqa' mieghu fil-Bamboo, Paceville. Ghaldaqstant l-imputat gie akkumpanjat mill-Pulizija, pero' dan il-persuna ma nstabx. Sahansitra l-Pulizija avzaw lid-Deejay tal-post biex ighajjajt lil dan il-persuna pero' ebda persuna ma tfaccat. Il-pjanci tal-mutur kienu IBB 907 u l-pjanca tal-karozza misruqa kienet CAR 932.

PC 882 John Falzon ikkonferma x-xhieda ta' PC 374 Noel Fabri. Dana kkonferma wkoll illi l-imputat ma kellux licenzja ghall-mutur u li l-imputat personalment kien qed isuq il-mutur.

Jose' Abela in rapprezentanza tal-Licensing Office ikkonferma illi l-imputat kellu licenzja tas-sewqan ta' karozza normali imma ma kellux licenzja tas-sewqan ta' mutur. Dan ikkonferma wkoll li l-car Land Rover bin-numru tar-registrazzjoni CAR 932 kienet tghajjat lil certu Etienne Bugeja minn Marsaxlokk. ID Card 512377(m). In rigward ir-registration number IBB 907 dan kien motorcycle iswed illi kien proprjeta' ta' Vincent Saliba mill-Isla b'identity card number 168098 (m)

PS 1177 Sandro Bonello a fol 46 ikkonferma l-okkorrenza tar-rapport li kien dahal fit-22 ta' Dicembru 1999 dwar serq ta' motorcycle bin-numru tar-registrazzjoni IBB 907 tal-marka NEN-FANG.

Anthony Vassallo a fol 48 in rapprezentanza ta’ Laferla Insurance ikkonferma d-dokument JC 7, survey report tieghu u kkonferma l-identita’ tal-hsarat fl-ammont ta’ five *hundred twenty two pounds and seventy six cents* (Lm522.76c). Esebixxa ritratti minn L1 sa L4.

Etienne Bugeja a fol 57 ikkonferma li n-number plate tal-karozza tieghu, cioe’ karozza tal-marka Land Rover kienu ttiehdulha r-*registration number plates* taghha, cioe’ CAR 932 u li huwa kien ghamel rapport lill-pulizija fil-15 ta’ Frar 2000.

PC 809 Ivan Curmi a fol 59 et sequitur kkonferma li Etienne Bugeja kien ghamel ir-rapport ta’ serq ta’ number plates tal-karozza tieghu fl-14 ta’ Frar 2000 u hu kiteb ir-rapport fil-15 ta’ Frar 2000. Hu esebixxa dokument GG a fol 61.

Joseph Zammit ikkonferma r-relazzjoni tieghu Dokument JZ a fol 67 et sequitur u l-istima fuq il-hsarat tal-mutur IBB 907 in kwistjoni fl-ammont ta’ elf u hames mitt lira u dana stante illi l-hsarat kollha li kellu fuqu gew irrangati.

Vincent Saliba a fol 97 ikkonferma serq tal-motorcycle tieghu NEN-FANG 150 fit-22 ta’ Dicembru 1999. Wara xi hames xhur u nofs ikkonferma li kellu telefonata mill-Ispettur Cilia sabiex jidentifika dan il-motorcycle u li l-ammont ta’ hsarat kienu approssimament ta’ sitt mija u hamsin lira (Lm650) u l-insurance kienu hallsu ghal dawn il-hsarat. In-number plate x’aktarx kien IBB 907. Vincent Saliba kkonferma li kien identifika l-mutur bhala proprjeta’ tieghu.

Spettur Jeffrey Cilia esebixxa sentenza Dokument JC a fol 103 et sequitur.

PS 586 Susanne Brincat ikkonfermat id-dokument JC 10 u qalet li l-imputat bhala l-persuna illi ghaliha tirreferi dik is-sentenza.

L-imputat ghazel li ma jixhidx. Joseph Zammit in kontro ezami xehed illi l-mutur IBB 907 gie ezaminat minnu u li kien sab f'kundizzjoni tajba u li l-hsarat kollha li kien garrab kienu gew irrangati. Joseph Zammit xehed illi biex jinxtara gdid dan il-mutur kien jiswa bejn Lm1,600 - Lm1,800. Joseph Zammit xehed illi dan il-mutur kien ilu mixtri sentejn u kienet dik ir-raguni li ghamel stima ta' Lm1,500. Joseph Zammit xehed illi huwa ma kienx jaf l-entita' tal-hsara ghax kien ra l-mutur biss wara li l-hsarat gew irrangati. Wara li gie muri s-survey report tas-surveyor u lista tal-hsara, Joseph Zammit baqa' jsostni illi l-valur ta' dan il-mutur kien ta' Lm1,500.

Miriam Vella social worker ma' l-Appogg tat rapport kostruttiv hafna ta' l-imputat ghal dak li huwa l-kura tieghu u tat-tfal tieghu waqt ix-xhieda taghha fil-25 ta'Ottubru 2005.

Ruth Caruana Social Worker li tiehu hsieb it-tfal ta' l-imputat Matthew u Damian Attard li kienu fi Dar Fra Diegu (orfanatrofju tat-tfal) meta l-imputat kien ghadda perijodu ta' zmien il-habs. Xhedet illi dawn iz-zewgt itfal kienu jfittxu lill-missierhom hafna u li omm it-tfal kienet qatghet il-kuntatt maghhom, u li kellha tifel iehor ta' xi sentejn u nof, mhux wild ta' l-imputat.

Romina Scerri Social Worker xehdet li hija hadmet hafna ma' l-imputat u ghal dawk li huma problemi ta' alkohol u problemi tad-droga. Ikkonfermat li ghamel programm u kien qed jigi mmoniterjat. Li matul dan il-programm l-imputat kien qed jigi ttestjat regolarment u t-testijiet dejjem hargu clean ghall-abbuz tad-drogi jew alkohol. Ikkonfermat l-interess li ghandu fit-tfal tieghu u li ghandu relazzjoni tajba hafna maghhom.

Dr Jonathan Montebello ikkonferma illi l-imputat Jonathan Attard kien rikoverat is-Satu u meta xehed kien fl-ahhar terminu tal-programm residenzjali. Ikkonferma li l-imputat kellu problemi psikjatrici u psikologici li kienu gew indirizzati. Illi l-imputat ma kellu l-ebda relapse u li ghamel progress sostanzjali hafna.

Ikkunsidrat:

Illi s-serqiet illi taghhom qieghed jigi mixli l-imputat sehhu fit-22 ta’ Dicembru 1999 u fl-14 ta’ Frar 2000. L-imputat gie misjub mill-Pulizija fil-5 ta’ Marzu 2000 bil-mutur illi kien insteraq fit-22 ta’ Dicembru 1999 li fuqhom kien hemm in-number plates **misruqa** fil-15 ta’ Frar 2000. Illi fil-gurisprudenza nostrana u cioe’ fis-sentenza Pulizija vs Emanuel Seisun u Pius sive Pio Micallef deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-26 ta’ Awissu 1998 it-teorija ta’ *recent possession* giet inkorporata fil-gurisprudenza nostrana. Din it-teorija:

*“mhi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw ippruvati, fis-sens illi meta jigu ppruvati certi fatti dawn jistghu wahedhom iwasslu ragonevolment ghal konkluzzjoni illi persuna partikolari tkun hatja ta’ reat ta’ serq ta’ oggetti misjuba ghandha jew skond ic-cirkostanzi tar-reat tar-recettazzjoni ta’ dawk l-oggetti.”*

Illi imbaghad din it-teorija giet profondament ittrattata fil-ktieb awtorevoli “On Evidence” Tapper and Cross 8th Edition page 35 u fil-qosor jiprovdi:

*“if someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.”*

Ghal rigward x’terminu ta’ zmien jista’ jigi komtemplat bhala recenti nghad is-segwenti:

‘*Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence” (vide Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practise, 1997 paras 21 -125, 21 – 126)*

Illi d-difiza rribattiet l-applikabilita’ tat-teorija ta’ pussess ricenti billi ccitat is-sentenza <u>Pulizija vs Fernando Grech et</u> deciza fil-21 ta’ April 1997 fejn il-Magistrat Dr Patrick Vella kien qal is-segwenti:

*Il-vettura kienet insterqet fl-10 ta’ Lulju 1992 u giet innutata l-ewwel darba fil-pussess ta’ l-imputat ghal habta ta’ nofs Settembru, pjuttost twil li zgur ma jinkwadrax fl-imsemmija teorija (ta’ recent possession of stolen goods) fejn kif inhuwa ben saput, l-oggett misruq ghandu jinstab fil-pussess tal-persuna fi zmien ferm eqreb id-data tas-serqa taghha, cioe’ ftit granet jew ghall-inqas gimgha jew tnejn wara, mhux aktar.”*

Ikkunsidrat:

Illi con tutto rispetto din il-Qorti ma tistax takkolji dak li gie sottomess mid-difiza. Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet fosthom il-fatt illi **kienet is-serqa tan-number plates li sehhet fl-14 ta' Frar 2000 illi rabtet is-serqa tal-mutur li sehh f'Dicembru 1999,** siccome l-imputat gie misjub fil-pussess ta' zewg apparat misruqin **fil-5 ta' Marzu 2000.** Illi l-fatt illi n-number plates li kienu gew misruqa fl-14 ta' Frar tas-sena 2000 jitqieghdu fuq il-motorcycle illi kien misruq f'Dicembru 1999 fil-fehma tal-Qorti hija insignifikanti immens **ghaliex turi sensiela of wrong doing.**

Illi in fatti l-imputat gie nnutat minn PS 374 Noel Fabri meta l-istess imputat startja l-mutur tieghu minghajr cavetta. (ara xhieda fol 29 et seq). Illi kif fuq intqal minn kittieba awtorevoli *"there is no magic in any given length of time."* In fatti R vs Smythe jinghad *"what constitutes recent possession depends upon the nature of the property and the circumstances of the particular case.... Nearly every reported case is a decision of fact as an example of what is no more than a rule of evidence".*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti perijodu ta' zmien ftit iktar minn gimghatejn jinkwadra komodament fit-teorija ta' recent possession meta si tratta ta' mutur misruq u ta' registration plates ta' karozza misruqa. Illi di piu' l-Qorti mbaghad kellha l-fakulta' illi tevalwa r-ragunijiet u spjegazzjonijiet moghtija mill-imputat ghal kif gie fil-pussess tieghu dan il-mutur. Din l-ispjegazzjoni hija wahda fqira hafna u m'ghandha xejn mis-sewwa. Mhuwiex verosimili illi persuna li wiehed ma jafx x'jisimha u ma jafx fejn joqghod, ser issellef lill-imputat mutur biex juzah minghajr irbit ta' hin jew kondizzjonijiet ta' hlas. Illi di piu' il-Qorti gharfet id-diffikultajiet kbar illi l-imputat kellu jinfacca f'hajtu: l-abbuz fuq medda gmielha ta' snin ta' drogi u l-manjiera li biha l-imputat irnexxielu jeghleb il-vizzju tieghu kif sewwa sew ighidu l-Probation Officers tieghu illi segwuh fuq medda gmielha ta' snin. Illi di piu' l-imputat ghandu zewgt itfal li l-kura taghhom tiddependi fuqu u jidher illi ghadda mill-programm shih tar-riabilitazzjoni kontra d-droga b'success.

**Illi ghar-rigward tar-raba' akkuza l-Qorti rat li din hija ppruvata skond il-ligi mix-xhud Anthony Vassallo a fol 48 et sequitur li kkonferma illi l-hsarat kienu jeccedu five hundred and twenty two pounds and seventy six cents (Lm522.76c) (ara fol 48 et seq) u kkonfermati minn Joseph Zammit nominat fl-inkjesta**.

Fil-konfront tal-hames akkuza din il-prova ngabet sodisfacentement mill-prosekuzzjoni permezz ta' PC 882 Jean Falzon li kkonferma li l-imputat ma kellux licenzja sabiex isuq mutur.

Li ghaldaqstant il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-ewwel, it-tieni, r-raba' u l-hames akkuza, mhux hati tat-tielet akkuza illi hija sussidjarja ghall-ewwel u t-tieni akkuza li minnha tilliberah u wara li rat l-Artikolu 261(c) (f)(g), 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 325, 20, 23, 28A, 28G kollha tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Artikolu 15 u 18 tal-Kap 65, Artikolu 3 tal-Kap 104 tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin. In oltre tqieghdu taht supervision suspended order ghal perijodu ta' tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat waqt illi tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal perijodu ta' sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------